# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar it-12 ta' Lulju, 2023

Avviz tat-Talba numru: 13/2022 CL

It-Tribunal;

**Maria Schmidt (KI nru 0520887M)**

**VERSUS**

**Marise Pace (KI nru 514878M) ezercenti tal-kummerc bl-isem ta' Grey and Adler**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-4 ta' Awwissu, 2021 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenuta tigi ordnata thallas lill-attrici s-somma ta' €1790, liema somma hija rapprezentanti rifuzjoni tal-flejjes mhallsa mill-attrici. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li kienet ingunta ghas-subizzjoni. L-attrici kienet xtrat mejda, bl-isem *Coffee table Baccarat* mill-istabbiment Grey and Alder fl-ammont ta' €1790, u wara li l-mejda giet ikkonsenjata irrizultaw xi difetti u l-konvenuta kienet weghdet lill-attrici li setghet taghzel kwalunkwe mejda ohra bhala sostituzzjoni tal-mejda difettuza li kienet xtrat. Izda meta marret biex tordna mejda ohra ta' ghamla differenti, ma hallithiex u kellha tordna l-istess mejda, ghalkemm kienet qaltilha li d-difetti kienu komuni f'dan it-tip ta' mejda. Il-mejda giet ikkonsinjatha lilha fl-4 ta' Awwissu 2021 u regghu irrizultaw difetti fit-tieni mejda ukoll. L-esponenti kienet ipprovat tikkomunika mal-konvenuta dwar l-ilment taghha izda injoratha u l-mejda giet ddepozitata taht l-awtorita tal-Qorti permezz ta' cedola numru 124/2022.

Ra ir-risposta tal-konvenuta li giet ipprezentatat fit-2 ta' Frar 2022, fejn it-talbat tal-attrici ghandha tigi michuda preliminarjament billi ai termini tal-Artikoli fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur tal-Ligijijet ta' Malta, Kap 378, it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jiddetermina l-mertu. Illi minghajr pregudizzju ghal-ewwel eccezzjoni, it-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi lura fis-6 ta' Awwissu 2019 l-attrici kienet xtrat *coffee table Baccarat* minghand il-konvenuta u f'Gunju 2021, kwazi sentejn mix-xiri tal-mejda, r-rikorrenti innutat xi imperfezzjoni f'din il-mejda. Il-konvenuta offriet li tbidlilha l-mejda ma mejda ohra tal-istess ghamla izda l-attrici riedet

mudell differenti, izda il-*supplier* la qabilx u f'Awwissu 2021 il-konvenuta ikkonsinjatilha mejda gdida tal-istess ghamla.Il-konvenuta fethet il-kaxxa li fiha kien hemm il-mejda quddiem l-attrici li accertat li ma kien fiha ebda difett. Izda l-ghada l-attrici infurmatha li indunat b'difett iehor, izda il-mejda ma kellha ebda difett kif ser jigi ipprovat fil-mori tal-kawza. Illi huwa evidenti li l-attrici ma kinitx kuntenta bil-mejda li xtrat fl-2019 u sabet skuza sabiex tipprofitta mill-*buona volonta'* tal-konvenuta halli tinghata mejda ta' mudell differenti.

Ra illi l-partijiet ittrataw fuq l-ewwel eccezzjoni u fis-6 ta' Lulju 2022, It-Tribunal cahad l-eccezzjoni u ddecidea li kellu gurisdizzjoni sabiex jisma l-kawza.

Fid-19 ta' Novembru 2022 gie ipprezentat affidavit ta' Rebecca Ganado illi f'Awwissu 2021, kienet id-dar ta' Maria Schmidt meta marret Marise Pace minn Grey and Adler biex tara l-mejda u kienet rat il-mejda mill-boghod u bdiet tghid ili ma rat xejn hazin u ma setghetx tara l-ghafsa. Maria qaltilha biex tistenna lir-ragel taghha Monroe u sakemm Maria telghet fuq, Marisa marret vicin il-mejda u dawritha biex id-difett gie fuq in-naha ta' wara. Meta wasal Monroe, Marise baqghet tinsisti li l-mejda ma kellha ebda difett u meta marru vicin il-mejda Monroe induna li l-mejda kienet imdawra u hi qaltlu li kienet dawritha biex tara jirnexxielux jsib id-difett.

Xehdu Maria Schmidt u Monroe Schmidt. Maria Schmidt xehdet illi hi kienet xtrat diversi affarijiet ghad-dar taghha mill-hanut Grey and Adler, li kienet tmexxi l-istabilment Marisa Pace fejn kienet nefqet xi €15,000. Fost diversi affarijiet, f'Gunju 2019 kienet ordna ukoll coffee table, li kienet waslet f'Settembru 2019. F'Awwissu 2020, innutat difett fil-mejda fejn kien hemm tbajja tas-sadid mad-dawra li kien ta' kulur id-deheb u bghatitilha ritratti u kellha tmur tara l-mejda.F'Marzu 2021, wara seba' xhur, marret tara l-mejda u f'Gunju 2020, qaltilha li l-kumpanija kienet accetat li tibdlilha l-mejda u bghatitlha l-katalgu biex taghzel kwalunkwe mejda li riedet. Idduskutiet ma' Marise ghax il-mejda li kellha kienet l-iktar wahda li tghogobha izda Marise qaltilha biex taghzel mejda ohra ghax jista' jerga' johrog l-istess difett u ghazelt mejda ohra. Marise infurmatha li l-kumpanija kienet bghatet *replacement* tar-rim u qaltilha li kienet ser zzomha ghax kienet il-mejda li toghgobha izda jekk id-difett jerga' johrog kienet ser tghidilha. Kellha kopja tac-*chats* li kien hemm bejn il-partijiet li gew ezebiti u mmarkati Dok MS2. Marise ghamlet delivery tal-gold rim, ghax l-irham zammet li kellha, u l-ghada r-ragel induna li t-tieni mejda kellha ghafsa u l-ghada hu cempel lil Marise u qalilha biex tmur id-dar biex tara l-mejda. Meta marret id-dar, kien hemm il-habiba taghha u Marise baqghet tinsisti li l-mejda ma kellha ebda difett u b'hekk qaltilha biex tistenna lir-ragel taghha. Fil-kontro ezami hi ikkonfermat illi fuq l-oggetti ohra li kienet xtrat minghand il-konvenuta ma kinitx sabet diffetti hlief fuq il-mejda. Il-konvenuta bdiet tghidilha li ma riditx dik il-mejda izda hi dik il-mejda riedet u qaltilha kemm-il darba izda ma sabux qbiel. Ikkonfermat illi kienet indunat bid-difett tal-ewwel mejda f'Awwissu 2020 u Marise Pace kienet marret tara l-mejda wara hafna xhur ghax minn Awwissu kienet marret f'Marzu 2021. It-tikek fuq il-mejda baqghu jizdiedu, u kienet accetat li tbiddel il-mejda ghax kien hemm difett. Marise kienet bghatitilha messagg biex tghidilha taghzel mejda ohra, enfasizzat li ma kellhiex taghzel l-istess mejda ghax jerga' jigri l-istess. Wara li bghatitilha tghidilha x'mejda ghazelt wegbitha li s-*supplier* ta' barra kien bghat *replacement* tal-frame u hi accetat ghax kienet l-aktar mejda li ghogbitha. Id-difett tal-ewwel mejda kien fil-*pitting* tal-gold li jidhru fir-ritratti. Filwaqt illi id-difett fit-tieni mejda kienet ghax kellha ghafsa. Meta Marise u r-ragel taghha kienu marru bid-delivery tat-tieni mejda kien hemm il-habiba taghha prezenti, kienu nehhew

il-*bubble wrap* quddiemha u meta tat titwila dehret tajba ghax id-difett kien innota bih ir-ragel l-ghada.

Monroe Schmidt xehed illi wara certu zmien l-ewwel mejda zvilupat xi difett fir-rim mad-dawra tal-mejda u l-mara tieghu Maria Schmidt bdiet tikkomunika ma' Marise Pace. Ftehmu sabiex tinbidel il-mejda u hu kien innota li l-mejda kellha ghafsa. Kien mar id-dar u kien hemm il-konvenuta u habiba taghhom ghax il-mara kienet fuq, u meta qalilha biex juriha l-ghafsa u saqsieha jekk kintix dawret il-mejda ghax l-ghafsa kienet fuq naha ohra, hi wegbitu li kienet dawritu biex tara jarax l-ghafsa. Fil-kontro ezami hu qal illi kienet il-mara li innotat id-difett fl-ewwel mejda wara xi sitt xhur. Hi kienet coffee table u mal-ewwel daqqa t'ghajn id-difett tat-tieni mejda ma jidhirx. Izda meta kien bil-qieghda fuq l-*armchai*r kien innota xi difett li kien mal-genb  li kienet tinhass ukoll bl-dejn.

Fit-23 ta' Novembru 2022 xehdu Marise Pace u Marcello Fiacchi. Marise Pace xehdet illi saret taf lil Maria Schmidt ghax kienet xtrat diversi affarijiet ghad-dar fosthom *coffee table* li tiswa madwar €1700 fl-2019. Kwazi sentejn wara qaltilha li l-mejda kellha xi difetti u hi kienet marret biex tara u l-*imperfections* kienu *wear and tear* normali u nuqqas ta' manutenzjoni ghax il-mejda tintuza fil-living room li tintuza ukoll bhala *playroom* ta' zewgt itfal taht l-eta' ta' sitt snin. Peress illi kienet ghadha taht garanzija u kienet klijenta li kienet nefqet il-flus ghandha, riedet tikkuntentha u accetat li tbidililha. Bghatet ir-ritratti lil *supplier* taghha li kien qabel li tinbidel il-mejda u kien bghat mejda gdida. Kienet qieghda tipprezenta il-kommunikazzjoni li ghamlet mas-*supplier* ta' barra. Hi kienet ipprovat iggib mejda differenti ghal-klijenta izda s-*supplier* ma accetax u bghat r*eplacement* tal-istess mejda u l-klijenta kienet accetat u hi u r-ragel taghha ghamlu d-delivery tal-base tal-mejda fl-4 ta' Awwissu 2021. Iccekjawha quddiem il-klijenta u wara li l-klijenta kienet sodisfatta telqu. L-ghada kien cemplilha r-ragel taghha biex jghidliha li meta dahal idejh tant il-mejda tinhass *uneven*. Issa peress illi din hi tal-hadid u forma ta' cirku u ha jinhass fejn hemm il-gonta izda l-mejda ma kellha ebda daqqa jew girfa ghax kieku ma kinitx ser taccetha. Huma riedu mejda ohra u r-ragel qalilha li jekk ma kinitx ser tbiddel il-mejda kien ser jtellaha l-qorti. Kienet kitbet lis-*supplier* taghha biex tghidilhom li l-klijenta ma kinitx soddisfata bit-tieni mejda ghax il-mejda tkun giet iccekjata qabel ma tintbghat u ma kellha xejn. Fil-kontro ezami hi tghid li m'hiex marbuta b'tip ta' ftehiem mas-*supplier*, izda ordnat bhala agenta direttament minghadhom, ghax ma kienux jbieghu direttament lill-klijenti.  Ikkonfermat illi jobbligawha li tinfurmhom mill-ewwel  dwar ilment u fil-fatt hekk ghamlet u cahdet illi damet ma wiegbet lil Maria Schmidt, jew li damet biex tmur tara l-mejda. L-ewwel darba li kienet kelmitha l-attrici kien fi Frar u ma kellha ebda kwalifika fil-welding. Hi ikkonfermat li l-ewwel darba li marret tara l-mejda kien f'Marzu 2021, izda cahdet li ghamlet kuntatt mas-suppliers l-ewwel darba f'Gunju 2021. B'referenza ghal *e mails* li gew ipprezentati mill-konvenuta stess a foll 63, fejn l-ewwel data hija 18 ta' Gunju 2021 hi tghid illi ma jidhrilhiex li dak kien l-ewwel e mail li bghatet izda ma tiftakarx meta kien l-ewwel *e mail* li bghatet, imma dak kien minhabba fil-*pitting* u ghax ma kienux hadu hsiebha bizzejjed. Il-garanzija tal-mejda bdiet minn meta ghamlu d-delivery taghha u tkun ghal sentejn. Ma tiftakarx meta saret id-*delivery* tal-ewwel mejda. Hi kienet issugerit lil Maria illi la kienet ser tinbdel il-mejda setghet taghzel mejda differenti, izda s-*supplier* kien bghat l-istess mudell, u l-attrici accetatha ghax kienet l-iktar wahda li ghogbitha. Hi kienet taghtha parir li ma taghzilx l-istess biex ma jigrix l-istess haga ghax jew hi jew il-*cleaner* taghha ma kinitx taf tiehu hsiebha. Ma tiftakarx kif qaltilha li kienet tiehu hsiebha. Kif ghazlet mejda ohra s-*supplier* kien infurmha li kien ser jibghat

l-istess mudell ghax kienu ghamlu claim tal-mejda li kienet ghadha taht garanzija. Hi ma kinitx taf li ser jaqbdu u jibghatu l-istess mejda ghax qatt ma kienet ghamlet claim qabel. Hi qaltilha li kienet responsabbli f'kaz illi jinqala' xi haga. Il general conditions qeghdin fuq il-website, ma kellhiex kopja taghhom u lanqas ma kienu jibghatuhom wara li taghmel xi ordni. Rat in-nota ipprezentata fl-10 ta' Mejju 2023, b'email fejn kienet infurmat lis-*supplier* li kien hemm problema bil-mejda fl Frar 2021.

Xehed Marcello Fiacchi, li jigi r-ragel ta' Marise Pac u xi kultant jghin lil martu fil-hanut. Kienet saqsietu biex jghinna f'*delivery* lil klijenta importanti u marru l-*warehouse* fejn kien hemm kaxxa bil-mejda li kienet f'zewg bicciet; l-irhama li kienet tqila hafna u l-frame tal-metal, imma peress illil-frame tal-hadid biss kellha tinbidel hu kien harigha u poggiha fil-karozza tieghu. Din kienet ippakjata tajba hafna u kienet moghtija bil *bubble wrap* u saq bil-mod biex ma ticcaqlaqx. Waslu ghand il-klijenta uu dahal bil-frame tal-metal u beda jnehhi il-*bubble wrap* b'idejh. Kif fetaha il-klijenta spezzjonatha anke minn taht u qalet li kien kollox sew u wara l-mara ghinitu jopggi l-irhama tal-mejda l-antika fuq il-mejda l-gdida. Il-klijenta saqsiethom ghal-irhama l-gdida u huma qalulha li ma kienx hemm ilment fuq l-irhama izda l-frame tal-metal. Hu ha l-frame l-antika li ma kinitx tqila mieghu u ghamilha fil-karozza u telqu. Fil-kontro ezami jghid illi l-attrici kienet ikkonsidrata bhala klijenta importanti ghax kienet xtrat diversi affarijiet u fil-fatt kellhom relazzjoni tajba ghax kienu mistidnin ghal birthday tat-tifla taghhom.Meta kien ha t-tieni mejda kien hemm il-mara tieghu, l-attrici u habiba taghha u kienu qeghdin jitkelmu bil-malti, imma hu ma jifhimx bil-malti.

Fil-15 ta' Frar 2023, xehed Christian Galea li huwa espert *ex parte* tal-attrici, li halef ir-rapport tieghu li tinsab a foll 74. Fil-kontro ezami hu qal illi xogholu kien haddied, jiffabrika l-hadid minn ghamara zghira sa strutturi f'lukandi. Ikkonferma illi kien ghamel spezzjoni fuq mejda li kienet tinsab f'garaxx complex bl-isem The Yves fis-27 ta' Ottubru 2022. Il-garaxx huwa fil-livell taht l-art li tinzel ghalih b'rampa. Hu kien cert illi meta ra l-mejda kienet fl-istess kondizzjoni ta' kif kienet giet ikkonsinjata lil Maria Schmidt f'Awwissu 2021, ghax mejda bhal dik li tkun coated b'certu mod, f'kaz illi tigi milqutha il-qoxra tkun tidher u ma kienx hemm sinjal li giet milqutha wara. Hu mq kellux dawl bizzejjed, izda kif dawwar il-mejda biex jispezzjonha bdew jidhru d-difetti. Fir-rapport hemm ir-ritratti u evidenti fejn hemm il-hsara. Il-mejda huwa circu tond u l-hsara qieghda fil-wicc tac-cirku fil-gonta fejn tkun maghquda,il-gonta tidher mwahla tajb pero mhux *finished up to standard. G*halih ma kienx xoghol accettabli u kieku ghamlu hu kien jinduna mill-ewwel li kellha difett u kien jerga' jirrangha. Hemm difett iehor mhux fejn jidhe, r fejn hemm suppost iwweldjat ma kienx finished tajjeb, l-irfinar. IL-problema kienet fil-hadid qabel ma sar il-coating.

Saret it-Trattazzjoni.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Din il-kawza hija dwar difett li deher f'mejda f'Awwissu 2020, sena wara li l-attrici xtratha minghand il-konvenuta. Il-konvenuta kellha tmur tara l-mejda izda damet seba' xhur biex marret tarha u offriet li tbidlilha l-mejda u ssugeriet li taghzel mejda differenti. Tkellmet mas-*supplier* barrani li bghatilha replacement tal-frame ta' madwar l-irhama,ghax l-irhama ma kellha ebda difett. F'Awwissu 2021, il-konvenuta marret mar-

ragel taghha bid-*delivery* tal-frame tal-mejda u wara li l-attrici spezzjonat il-mejda qaltilha li kienet kuntenta biha. Izda l-ghada cemplitilha u qaltilha li r-ragel taghha kien induna b'difett iehor, li kienet qisha ghafsa. Il-konvenuta marret biex tara l-mejda u meta bghatet lil *supplier* ir-risposta minn barra kienet li kienu ghaddew is-sentejn tal-garanzija u ghalhekk ma setghux jbidlu l-mejda. Ra r-rapport tal-espert *ex parte* li xehed ukoll quddiem it-Tribunal.Mir-ritratti li gew ipprezentati, jidher li hemm difett fit-tieni mejda. Ghalkemm jidher li l-konvenuta xtaqet izzomm relazzjoni tajba mal-attrici ghax kienet klijenta tajba u accetat li tbidlilha l-ewwel mejda minghajr problema. Izda sfortunatament meta waslet it-tieni mejda s-*supplier* m'accetax illi jbiddel il-mejda ghax kien ghada sentejn u ghalhekk il-mejda ma kinitx ghadha koperta bil-garanzija. Huwa veru li kien ghadda sentejn mill-ewwel ordni tal-mejda, izda l-konvenuta kienet damet seba' xhur biex tmur tara din il-mejda wara li kienet lmentat l-attrici u ghalhekk it-telf taz-zmien matul il-perjodu tal-garanzija li inhela inutilment mill-konvenuta m'ghadhiex tintuza' sabiex il-konvenuta, jew il-*supplier*, jinheles mir-responsabilita' ghax it-terminu tal-garanzija kien skada.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attrici u jiddikjara l-konvenuta debitrici tal-attrici fl-ammont ta' elf seba' mija u disghin euro (€1790) u jordna lil-istess konvenuta thallas l-ammont ta' €1790 lil-attrici bl-interessi mid-data tal-avviz sal-hlas effettiv. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a spejjez tal-konvenuta.

**Avukat, Leontine alleja LL.D.**

**GUDIKATUR**